**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 – Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tad-Danimarka**

**(Kawża C-99/21 P)** [1]

***(Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Skema ta' kontribuzzjonijiet għall-ġbir ta' ilma mormi – Ilment – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Locus standi – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Att regolatorju li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni – Inċidenza diretta)***

(2022/C 318/12)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

## Partijiet

*Appellant:* Danske Slagtermestre (rappreżentant: H. Sønderby Christensen, advokat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Grønfeldt u P. Němečková, aġenti), Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: J. Nymann-Lindegren, V. Pasternak Jørgensen, M. Søndahl Wolff u L. Teilgård, aġenti)

## Dispożittiv

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Diċembru 2020, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18, mhux ippubblikat, EU:T:2020:576), huwa annullat.

2) Ir-rikors fl-ewwel istanza huwa ammissibbli.

3) Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu.

4) L-ispejjeż huma rriżervati.

[1] ĠU C 182, 10.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-iSpetsializiran nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri kriminali kontra IR**

**(Kawża C-105/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 6 u 47 – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza – Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' fiduċja reċiproka – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għal informazzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Dikjarazzjoni tad-drittijiet waqt l-arrest – Dritt li wieħed jiġi informat bl-akkuża mressqa kontrih permezz ta' mandat ta' arrest nazzjonali – Dritt ta' aċċess għall-atti tal-proċess – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront ta' persuna akkużata li tinsab fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni)***

(2022/C 318/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

## Qorti tar-rinviju

Spetsializiran nakazatelen sad

## Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

IR

*fil-preżenza ta':* Spetsializirana prokuratura.

**Dispożittiv**

1) L-Artikoli 6 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza kif ukoll il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' fiduċja reċiproka għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, adottat skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, ma għandha l-ebda obbligu li tittrażmetti lill-persuna kkonċernata minn dan il-mandat ta' arrest id-deċiżjoni nazzjonali dwar l-arrest ta' din il-persuna u l-informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' azzjoni legali kontra din id-deċiżjoni, sakemm l-imsemmija persuna tkun tinsab fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' arrest u ma tkunx ġiet ikkonsenjata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti ta' dan il-mandat ta' arrest.

2) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-awtorità ġudizzjarja emittenti tagħti, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali tagħha li tippermettilha tiżgura riżultat kompatibbli mal-għan imfittex mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299, li tippreskludi li, skont id-dritt nazzjonali, din l-awtorità tkun obbligata tittrażmetti lill-persuna kkonċernata minn mandat ta' arrest Ewropew, qabel il-konsenja tagħha lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti, id-deċiżjoni nazzjonali dwar l-arrest tagħha u l-informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' azzjoni legali kontra din id-deċiżjoni.

([1]) ĠU C 163, 3.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Administrația Sector 1 a Finanțelor Publice vs VB, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti -Serviciul Soluționare Contestații 1**

**(Kawża C-146/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2010/583/UE u 2013/676/UE li jawtorizzaw lir-Rumanija tidderoga mill-Artikolu 193 tal-imsemmija direttiva – Mekkaniżmu tar-reverse charge – Kunsinni ta' prodotti tal-injam – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi kundizzjoni ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT sabiex japplika l-imsemmi mekkaniżmu – Prinċipju ta' newtralità fiskali)***

(2022/C 318/14)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Administrația Sector 1 a Finanțelor Publice

*Konvenuti:* VB, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Serviciul Soluționare Contestații 1

**Dispożittiv**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u l-prinċipju ta' newtralità fiskali ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge ma huwiex applikabbli għal persuna taxxabbli li la talbet u lanqas kisbet *ex officio*, qabel it-twettiq tat-tranżazzjonijiet taxxabbli, l-identifikazzjoni tagħha għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

([1]) ĠU C 228, 14.6.2021.